



0088/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-prijoritizzazzjoni ta' Strateġija Ewropea dwar l-Alkoħol

**Deirdre Clune (PPE), Brian Hayes (PPE), Nicola Caputo (S&D),
Roberta Metsola (PPE), Lucy Anderson (S&D), Merja Kyllönen
(GUE/NGL), Ivan Jakovčić (ALDE), Milan Zver (PPE), Dubravka Šuica
(PPE), Tomáš Zdechovský (PPE)**

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-prijoritizzazzjoni ta' Strateġija Ewropea dwar l-Alkoħol¹

1. L-Ewropa għandha l-ogħla livelli ta' konsum tal-alkoħol fid-dinja. Huwa stmat li fl-UE, 55 miljun ruħ jixorbu l-alkoħol f'ammonti li jagħmlu l-ħsara, u, minn dawn, 12-il miljun ruħ huma kkunsidrati bħala dipendenti fuqu.
2. L-użu ta' ħsara tal-alkoħol huwa kawża komponenti ta' aktar minn 200 marda u kundizzjoni ta' saħħa marbuta ma' korrimenti, b'mod partikolari d-dipendenza, iċ-ċirrożi tal-fwied, il-kanċer u l-korrimenti. L-alkoħol huwa fattur ta' riskju ewlieni għal mard u mwiet prematuri, fejn wassal għal aktar minn 120 000 mewt prematura kull sena.
3. Lil hinn mill-konsegwenzi tas-saħħa, l-użu ta' ħsara tal-alkoħol iġib miegħu telf ekonomiku u soċjali sinifikanti, bħall-piż fuq il-familji, il-komunitajiet, is-servizzi tas-saħħa, is-servizzi soċjali u l-pulizija. Madwar 9 miljun tifel u tifla fl-UE qegħdin jgħixu ma' ġenitur wieħed li huwa dipendenti fuq l-alkoħol. L-ispiża tal-ħsara relatata mal-alkoħol għall-ekonomija tal-UE kienet stmata għal EUR 155.8 biljun fl-2010.
4. Minkejja dan, l-istrateġija tal-UE biex tnaqqas il-ħsara marbuta mal-alkoħol (2006) skadiet fl-2012, u ma hemm l-ebda pjan li din tiġi aġġornata.
5. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għalhekk huma mitluba jagħmlu l-ġlieda kontra l-użu ta' ħsara tal-alkoħol prijorità għall-UE billi jiżviluppaw Strateġija dwar l-Alkoħol ġdida u biex jappoġġjaw l-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu l-ħsara marbuta mal-alkoħol.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.